MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**

**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2014

Citazzjoni Numru. 200/2009

**AB**

**-vs-**

1. **CD**
2. **Direttur tar-Registru Pubbliku**
3. **FG**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici proprio et nomine, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi r-rikorrenti zzewget lill-intimat F G fit-12 ta' Marzu 1992.
2. Illi z-zwieg bejn ir-rikorrenti u l-intimat F G gie annullat permezz ta' sentenza ta' l-Onorabbli Prim' Awla datata 30 ta' Gunju, 2004, izda kienet ilha ghal zmien twil gja fizikament mifruda minnu qabel id-data tal-annullament imsemmi.
3. Illi r-rikorrenti bdiet relazzjoni mal-intimat C Etrugh minn qabel id-data tal-annullament hawn fuq msemmija, u minn din ir-relazzjoni twieled tifel bl-isem ta' XZa, fl-20 ta' Dicembru 2004 (Dok. A), liema tifel minuri huwa allura l–wild naturali tal-istess C Etrugh.
4. Illi meta r-rikorrenti marret sabiex tirregistra t-tifel mar-Registru Pubbliku kienet kostretta illi tirregistra t-tifel minuri fuq isem F G meta hija kienet taf ben tajjeb illi t-tifel minuri huwa tal-intimat C Etrugh.
5. Illi susegwentement ittiehdu anke l-ezamijiet medici opportuni – DNA TESTS (Dok B) – li jikkonfermaw illi l-minuri XZa huwa in effetti t-tifel naturali tal-intimat C Etrugh.
6. Illi hemm lok ghalhekk illi c-certifikat tat-twelid ta' XZa jigi emendat fis-sens illi l-paternita` tal-istess minuri tkun korrettament tirrispekkja u tikkonforma mal-fatt illi l-imsemmi intimat C Etrugh huwa l-missier natural tal-minuri.
7. Illi inoltre, l-imsemmi intimat C Etrugh mhux jopponi illi t-tifel minuri huwa l-wild naturali tieghu u ma ghandux oppozizzjoni illi l-minuri jkollu ismu bhala l-missier naturali tieghu.

Talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex prevja kull dikjarazzjoni li jidhrilha xierqa u opportuna:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmija minuri XZa mhuwiex it-tifel naturali tal-intimat F G, izda huwa t-tifel naturali tal-intimat C Etrugh, b'mod illi hemm lok ghall-korrezzjoni tal-att tat-twelid tal-imsemmi minuri XZa f'dan is-sens.
2. Tordna ghalhekk il-korrezzjoni mehtiega fl-att tat-twelid ta' XZa, numru 1275 tas-sena 2005, sabiex il-paternita` tal-minuri tigi korrettament rispekkjata fl-istess att, billi fil-kolonna fejn jinsabu mnizzla l-konnotati tal-missier, il-konnotati tal-intimat F G jigu kkancellati u minflok jigu mnizzla l-konnotati tal-intimat C Etrugh, kif dawn jirrizultaw mill-provi migbura f'din il-kawza u kif ukoll billi kunjom l-minuri jigi jaqra Etrugh minflok G Grima.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici ;

Rat ir-risposta tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li in forza taghha huwa eccepixxa :

1. Illi in linea preliminari jiġi eċċepit li r-rikorrenti A B fil-vesti tagħha bħala omm m'għandhiex il-jedd skont il-liġi li titlob li jiġi deċiż u ddikjarat li l-minuri XZa G Grima huwa l-wild naturali tal-konvenut C Etrugh. *Semmai* kulma tista' teżerċita f'dan il-kuntest huwa d-dritt li tattakka l-filjazzjoni ta' binha, billi titlob li jiġi deċiż u ddikjarat li binha XZa G Grima mhuwiex il-wild naturali tal-ex żewġha F G u dan fil-parametri delinejati fl-Artikolu 77 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi fit-tieni lok sabiex l-interessi tal-minuri XZa G Grima jkunu salvgwardjati fis-sens li dawn ma jiġux issorpassati u mwarrba fil-ġenb a favur l-interessi personali tal-omm, huwa essenzjali fil-fehma tal-esponenti li l-minuri *de quo* jkun irrappreżentat minn persuna indipendenti u mhux minn ommu li hi wkoll qegħda taġixxi f'isimha propriju f'dawn il-proċeduri. Kwindi f'dan il-kwadru kollu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tikkunsidra mill-ġdid id-digriet tagħha tas-7 ta' Lulju 2009;

3. Illi dwar il-mertu tal-kawża l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

4. Illi madankollu salv għal premess, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti jridu jipprovaw li l-intimat F G fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tat-tifel, kien fl-

impossibbiltà fiżika li jgħammar ma' martu A B minħabba li kien bogħod minnha ai termini tal-Artikolu 77 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Illi fl-istess waqt irid jiġi pprovat ukoll li l-pussess ta' stat tal-minuri XZa G Grima ma jaqbilx ma' l-istat li jagħtih l-Att tat-Twelid korrispettiv a tenur tal-Artikolu 81 (1) u (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Illi subordinatament bla ħsara għal dak fuq espost, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti, huwa importanti sabiex tintlaqa' t-tieni talba sussegwenti li r-rikorrenti jispeċifikaw permezz ta' nota d-dettalji personali kollha tal-allegat missier naturali, senjatament l-isem u l-kunjom, id-dokument ta' l-Identità, l-età, il-post tat-twelid, il-post ta' residenza u isem u kunjom tal-missier patern u jekk għadux ħaj, sabiex dawn jiġi inseriti fl-Att tat-Twelid bin-numru progressiv 1275 tas-sena 2005 kif korrett. Inoltre l-kelmiet '*the said*' li jinsabu qabel isem F G, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm għandhom ukoll jiġu kkanċellati mill-Att tat-Twelid *de quo*;

7. Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u għalhekk huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku ;

Rat in-nota pprezentata mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fit-23 ta' April 2012 illi permezz taghha in osservanza mal-verbal datat 23 t'April 2012 qieghed jipprezenta dawn l-eccezzjonijiet ulterjuri:

1. Illi in vena preliminari jinghad li stante l-fatt li ghaddew iktar minn sitt xhur mit-twelid tal-minuri XZa G Grima, din l-azzjoni kellha tkun preceduta minn rikors quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ai termini tal-artikolu 77C tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta sabiex, wara li din l-Onorabbli Qorti tkun semghet il-partijiet interessati kollha u qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tal-minuri XZa G Grima, tinkiseb l-awtorizazzjoni mill-istess Qorti ghall-procediment tal-azzjoni odjerna.
2. Illi dejjem bla hsara ghal dak fuq premess, f’kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa` t-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti jinvita lill-istess C Etrugh sabiex permezz ta’ nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjatament (1) l-isem u kunjom, (2) id-dokument tal-identita`, (3) l-eta`  tieghu meta twieled l-minuri Ryan Salah, (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post ta’ residenza tieghu meta twieled l-imsemmi minuri, (6) isem u kunjom ta’ missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieled it-tifel Ryan Salah. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferit Ryan Salah ;
3. Illi subordinatament dejjem bla hsara ghal dak fuq imsemmi, f’kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa` t-talbiet tar-rikorrenti il-minuri Ryan Salah irid jaghzel liema kunjom ha jzomm wara l-annotazzjonijiet rispettivi;
4. Illi dwar il-mertu b’mod partikolari dwar il-paternita` tal-minuri Ryan Salah, l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-atti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti, ghalkemm f’dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha nvoluti sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 77D tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet lix-xhieda illi tressqu ;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, l-provi li gew prodotti u l-atti ta’ dan il-procediment ;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ghandha ghandha quddiemha talba relatata mal-paternita’ tal-minuri Ryan Salah Hamza *stante* li l-attrici tikkontendi li minkejja li l-minuri li twieled nhar l-20 ta’ Dicembru 2004[1] twieled fiz-zwieg bejn l-istess attrici u l-intimat F G, *stante* li z-zwieg taghhom gie annullat permezz ta’ sentenza datata t-30 ta’ Gunju 2004 u konsegwentement, minhabba l-presunzjonijiet legali naxxenti mill-ligi, l-istess minuri gie imnizzel bhala l-wild naturali tal-intimat F G, l-istess minuri m’huwiex ibnu naturali izda l-wild naturali tal-intimat l-iehor C Etrugh. Ghalhekk permezz ta’ din il-kawza qieghda titlob lill-qorti sabiex tiddikjara li F G mhux il-missier naturali tal-istess minuri u sabiex sussegwentement isiru l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tal-minuri billi l-konnotati tieghu jigu kancellati minn fuq ic-certifikat tal-minuri u jigu sostitwiti bil-konnotati ta’ C Etrugh.

Min-naha taghhom, l-intimati C Etrugh u F G ma pprezentaw ebda risposta guramentata u ghalhekk huma kontumaci f’dawn il-proceduri.

**<u>Il-Verzjoni tar-Rikorrenti</u>**

Permezz tal-affidavit taghha[2] r-rikorrenti tghid li hi u l-intimat F G zzewgu nhar it-12 ta’ Marzu 1992 b’dan li z-zwieg gie dikjarat null permezz ta’ sentenza datata t-30 ta’ Gunju 2004. Tghid li minkejja d-data ta’ tali dikjarazzjoni ta’ nullita’, kienet ilha mifruda minn zewgha mis-sena 1995. Ltaqghet mal-intimat C Etrugh fis-sena 2003 u minn hemm bdew relazzjoni serja li wasslet ghat-twelid tal-minuri Ryan Salah Mustafa. Tispjega wkoll li minhabba l-kwistjonijiet ta’ natura legali, t-tarbija ma setghetx tigi registrata fuq

[1] Ara c-certifikat tat-twelid esebit a fol 4 tal-process
[2] Esebit a fol 28 tal-process

isem C Etrugh izda fuq zewgha. Saru wkoll it-testijiet tad-DNA li wkoll ikkonfermaw li l-minuri huwa l-wild naturali ta’ C Etrugh pero’ l-attrici baqghet f’sitwazzjoni fejn ma kellha ebda alternattiva ohra hlief li tipprocedi bil-kawza odjerna.

**Il-verzjoni tal-intimat C Etrugh**

L-intimat li ma prezenta ebda risposta guramentata, ipprezenta affidavit fejn prattikament jikkonferma dak kollu li tghid l-attrici u ghalhekk, huwa jiddikjara li jaqbel li ghandu jkun hemm bdil fic-certifikat tat-twelid ta’ Ryan Salah biex b’hekk jigi registrat bhala ibnu.

**Il-Mertu tal-Kaz**

Il-mertu tal-kaz odjern idur fuq il-fatt jekk ir-rikorrenti irnexxilhiex tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li l-minuri m’huwiex il-wild naturali tal-intimat F G u konsegwentement tipprova li hemm lok li jigu meghluba l-presunzjonijiet legali emanenti fil-ligi u li ghall-anqas wahda mic-cirkustanzi komminati f’Artikolu 77 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta giet pruvata.

Il-qorti tirrileva li permezz ta’ *test* xjentifiku esebit in atti gie kkonfermat li l-intimat F G mhuwiex il-missier naturali tal-istess tarbija. B’hekk, permezz tal-istess test, jirrizulta bl-aktar mod car li r-rikorrenti rnexxielha tipprova bl-aktar mod assolut li l-minuri Ryan Salah verament mhux il-wild naturali tal-intimat F G *stante* li permezz tal-istess test xjentifiku, l-intimat C Etrugh gie kkonfermat li huwa l-missier naturali. It-test xjentifiku huwa l-prova regina dwar il-paternita’ u ftit taghmel differenza x’jghidu l-partijiet, ghalkemm jinghad li tali fatt huwa pacifiku bejn il-partijiet. Ghaldaqstant, il-

provi kollha migjuba quddiem din il-Qorti juru bl-aktar mod car u inekwivoku li l-minuri mhuwiex il-wild naturali tal-intimat F G.

Illi dwar l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, l-qorti tirrileva li permezz tal-verbal datat it-23 ta' April 2012, id-Direttur intimat irtira l-eccezzjonijiet imsemmija u konsegwentement il-qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess.

Dwar is-sitt eccezzjoni sollevata mid-Direttur tar-Registru Pubbliku li hija relatata mad-dettalji tal-intimat C Etrugh, l-Qorti tirrileva li din giet survolata wkoll permezz tan-nota prezentata mill-attrici nhar l-20 ta' Dicembru 2013.

Dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata fin-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li hija relatata mar-rekwizit li din il-kawza kellha tkun preceduta b'rikors u l-awtorizazzjoni ta' din il-qorti biex tipprocedi bl-istess kawza u dan *ai termini* tal-Artikolu 77C, l-Qorti tirrileva li din giet survolata permezz ta' rikors datat l-1 ta' Novembru 2013, u t-talba f'dan ir-rikors giet milqugha permezz ta' digriet datat l-4 ta' Novembru 2013. Dan necessarjament ifisser li din l- eccezzjoni hija survolata wkoll.

Il-Qorti taghmel referenza ghall-eccezzjonijiet l-ohra imressqa mid-Direttur tar-Registru Pubbliku li kollha jduru fuq il-mertu tal-kaz odjern u cioe' jekk l-attrici rnexxilhiex taghti prova sal-livell rikjest mill-ligi li c-certifikat tal-minuri ma jirriflettix il-verita u konsegwentement, rnexxilhiex tissorpassa u teghleb il-presuzjonijiet legali msemmija minnu stess. Ghal dak li jirrigwarda l-presunzjonijiet legali, l-qorti terga' taghmel referenza ghall-aqwa prova li fil-fatt giet esebita in atti u cioe' d-DNA test li huwa meqjus bhala l-prova regina f'dawn it-tip ta' kawzi u ghaldaqstant tqis li r-

rikorrenti rnexxielha teghleb il-presunzjonijiet legali kollha u ppruvat sal-grad rikjest mill-ligi t-talbiet taghha.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

(1) Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-minuri XZa m'huwiex it-tifel naturali tal-intimat F G izda t-tifel naturali tal-intimat CB;

(2) Tilqa' t-tieni talba b'dan li l-konnotati kollha ta' F G ghandhom jigu kancellati u sostitwiti bil-konnotati tal-intimat C B u cioe':

Isem u kunjom: C B
Karta tal-identita' numru: 0036485A
Data tat-twelid: 16 ta' Frar 1978
Eta': 35 sena
Post tat-twelid: Tripoli, Libja
Post ta' residenza meta twieled il-minuri XZ: Qormi Malta
Isem u kunjom tal-missier patern: CB li huwa haj.

Bl-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti u mill-intimat C B fi kwoti indaqs bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------